MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 25/2000

**Il-Pulizija**

**Spettur David Saliba**

**VS**

**Reginald maghruf bhala Reggie Bugeja, iben Paul u Doris nee' Hole, imwieled fil-15 ta' Novembru, 1972, residenti fil-fond numru 26, College Street, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 505272M;**

**U Charles Sciberras, iben Peter Paul u Anna nee' Cutajar, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Lulju, 1975, residenti Block F, Flat 7, Triq il-Peprin, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita' numru 324775M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Reginald Bugeja** u **Charles Sciberras**, li gew akkuzati talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, qabel it-23 ta’ Marzu, 2000, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. **It-tnejn flimkien**, f’Birkirkara, nhar il-21 ta’ Marzu, 2000, filghodu, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom magna tal-café’ liema oggetti huma stmati li jiswew aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) mill-lukanda Wignacourt Hotel, u dan ghad-dannu tal-familja Borg Ghigo, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u lok;

3. U aktar talli **Reginald Bugeja wahdu**, f’Birkirkara, fit-22 ta’ Marzu, 2000, matul il-gurnata, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom seba’ televisions tal-kulur u apparat iehor, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) mill-lukanda Wignacourt Hotel, u dan ghad-dannu tal-familja Borg Ghigo liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u lok;

4. U aktar talli **Reginald Bugeja wahdu**, matul dan l-ahhar xahar, f’Had Dingli, u qabel it-22 ta’ Marzu, 2000, ghall-habta tal-5.30pm, ikkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla mhux maghrufa minn gewwa karozza, liema stereo huwa stmat li jiswa aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) u dan ghad-dannu ta’ nies mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin, u xorta tal-haga misruqa;

5. U aktar talli **Charles Sciberras wahdu**, f’Santa Venera, nhar it-23 ta’ Marzu, 2000, filghodu, ikkometta serq ta’ diversi ghodod minn gewwa garaxx bl-isem ta’ St Michael’s Garage, li huwa sitwat fi Triq il-Kanun, Santa Venera, liema ghodod huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), u ghad-dannu ta’ John Debattista minn Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u valur;

6. U aktar talli **Charles Sciberras wahdu**, nhar it-23 ta’ Marzu, 2000, f’Malta, u bi bnadi ohra, u fil-Kalkara, ghall-habta ta’ 1.15pm, saq vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni KAL735 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghaldaqstant ma kinx kopert b’assigurazzjoni ghal terzi persuni;

7. U aktar talli **Charles Sciberras wahdu**, huwa recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi;

8. U aktar talli **Reginald Bugeja wahdu**, huwa wkoll recidiv b'diversi sentenzi li huma definittivi, kif ukoll talli kkommetta reat tul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputati wiegbu t-tnejn li ma kinux hatja tal-istess;

Rat ukoll li aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, gew anke mibghuta l-Artikoli li jaqraw:

**<u>Fil-konfront ta' Reginald Bugeja:</u>**

- Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 310, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali

**<u>Fil-konfront ta' Charles Sciberras</u>**:

- Fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 310, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
- Fl-Artikoli 3, 20, 22, u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghall-istess.

Din il-kawza li hadet tul konsiderevoli ta' zmien biex tigi konkluza, titratta dwar diversi serqiet kommessi allegatament mill-imputati, flimkien kif ukoll individwalment.

Charles Sciberras wahdu gie akkuzat b'sewqan ta' vettura minghajr ma kellu d-debita licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u ma kinx kopert b'assigurazzjoni.

Charles Sciberras gie akkuzat ukoll bi ksur ta' diversi sentenzi li kienu saru definittivi, mentri Reginald Bugeja talli kien sar recidiv.

Tela' ghalhekk jixhed l-**Ufficjal Prosekutur** dwar l-investigazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-akkuzi mressqa. Qal illi wasal minn tali nvestigazzjonijiet biex kellem lil Reginald Bugeja li anke moghtija d-debita twissija rrilaxxa stqarrija, ezebita minnu bhala Dok DS10.

Ezebixxa wkoll ir-res furtiva rekuperata – televisions, bhala Dok DS3 – Dok DS6; magna tal-café' bhala Dok DS7; u ghodda.

Tkellem anke mal-persuni li allegatament xtraw ir-res furtiva minghand l-imputat Reginald Bugeja, allura certu Saviour Micallef u l-imputati flimkien – certu Lawrence Attard. Kien minghand dawn skondtu li giet rekuperata r-res furtiva.

Dwar is-serq tal-ghodda, xehed illi kien kellem lil certu Gianni Debattista, illi kien safa misruq mill-garaxx tieghu. Identifika dawn l-ghodda fl-ufficju tal-Ispettur. Din ukoll instabet ghand Lawrence Attard u skondtu halliehom hemm flimkien mal-magnha tal-café' Charles Sciberras.

Qal ukoll l-Ispettur illi hu ma kinx ha stqarrija lill-ko-imputat Charles Sciberras minhabba t-trapass ta' zmien tas-serq.

Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur sensiela twila ta' sentenzi moghtija kontra Reginald Bugeja u Charles Sciberras. Fil-konfront ta' Sciberras bhala Dok XXI folio 88, Dok XX2 folio 91, Dok XX3 folio 94, Dok XX4 folio 97, Dok XX5 folio 95, Dok XX6 folio 103; Dok DS folio 231, Dok DS1 folio 235, Dok DS2 folio 239. Ezebixxa fil-konfront ta' Reginald Bugeja Dok XX7 folio 104, Dok XX8 folio 107, uj sentenza ohra a folio 142.

Minn nana tieghu, **PS 902 David Debattista**, xehed fuq investigazzjoni mill-guest house Wigna Court house jew hotel. Kien gie arrestat skondtu certu Spiridione D'Amato u Reginald Bugeja. Skont dan is-Surgent, Reginald Bugeja kien irrilaxxa stqarrija moghti d-debita twissija, illi hu flimkien ma' Charles Sciberras kienu marru fil-fond derubat, u serqu minnu magna tal-café'. Irrizultalhom illi bieghuha l-Kalkara. Qallhom ukoll dan Bugeja, illi flimkien ma' Spiru D'Amato mill-istess lukanda serqu diversi televisions.

Qal illi dan Bugeja kien anke hadu fejn kien biegh l-istess magna tal-café', hdejn ir-Rinella.

L-istess Bugeja anke kien indikalhom scrap yard ta' Lawrence Attard. Hawn xehed illi ra lil Charles Sciberras isuq karozza Skoda bir-reverse. Dan gie kkonfermat anke minn **PC 1073 Schembri**. Gharaf l-ghodda li rritorna Lawrence Attard u li skondtu giet identifikata minn sidha.

**John Debattista**, ghalhekk xehed illi hu kien sofra serq ta' ghodda, zewg gakkijiet, mghazqa, furkettun, baqqun, mannarett, u ghodda ohra zghira minn gol-garaxx. Qal illi sussegwentement kien ircieva telefonata mill-ghassa fejn kienu nfurmawh bis-sejba ta' din l-ghodda. Gharafhom anke mill-kaxxa tal-ghodda li kellha fuqha alphabet tieghu skondtu MAL.

Dwar il-valur, stmaha bejn circa mija u tletin lira Maltin(Lm130.00) u mija u erbghin lira Maltin (Lm140.00).

**PS 1503 Andy Ellul**, xehed illi wiehed Gianni Debattista ghamel rapport fl-ghassa tal-Hamrun dwar serqa li sofra mill-garaxx tieghu. Tah valur tal-oggetti misruqin ta' circa mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) (okkorrenza ezebita bhala Dok AE1).

**PS 336 Antoine Sciberras**, xehed dwar l-involviment tieghu dwar serqa li sehhet minn guest house Birkirkara. Qal illi l-Ispetutr Saliba kien tah struzzjonijiet biex imur l-scrap yard ta' certu Lawrence Attard. Hemm xehed illi ra hiereg bir-reverse lil Charles Sciberras isuq vettura KAL735. Xehed illi quddiemu, fl-ufficju tal-Ispettur, Lawrence Attard kien stqarr illi Charles Sciberras kien hadlu xi ghodda. Gharaf anke dan ix-xhud il-magna tal-café' li kien irritorna dan Attard. Gharaf ukoll l-ghodda ezebita.

Minn naha tieghu, **Alfred Camenzuli**, appozitament mahtur, prezenta r-relazzjoni tieghu bhala Dok AC1, fejn elenka u ffotografa l-allegat res furtiva.

Sentenza ohra ezeibta din id-darba fil-konfront ta' Reginald Bugeja giet prodotta mill-**Ispettur Raymond D'Anastas**, din bhala Dok RA1. Qal ukoll illi hu kien l-Ufficjal Prosekutur f'din il-kawza.

Xehed anke **Lorry Attard**, moghti d-debita twissija. Ghazel illi jixhed. Qal illi huwa kellu scrap yard ir-Ricasoli. Qal illi hu kien xtara minghand Charles Sciberras magna tal-café', indika lill-imputat Sciberras. Qal illi meta bieghhielu, kien qallu li kienet ta' habib tieghu. Ammetta wkoll illi minghandu xtara l-ghodda. Nesa kemm kien xtrahom.

**Adrian Borg Ghigo**, it-tifel tas-sid ta' Wigna Court, xehed dwar is-serq li sofrew – coffee machine, televisions, whiskey drinks. Gie muri r-ritratti (Dok AC1) u gharaf hemm l-oggetti misruqa.

**Spiridione D'Amato**, minn naha tieghu xehed illi hu kien flimkien ma' Reggie jiltaqa' d-Detox. Qal illi ftehmu li jirrangaw xi haga biex jixtru d-droga. Ghax ma kellhomx bizzejjed flus, allura ddecidew li jgibu xi haga biex ibieghhuha. Ghalhekk kompla li hu, cioe' D'Amato, issugerixxa li jgibu xi televisions biex ibieghhuhom. Qal illi Reggie kellu karozza, u marru biha f'post fl-Imriehel minn fejn waqt li x-xhud baqa' fil-karozza, l-iehor gab zewg televisions. Bieghhuhom u xtraw id-droga. Qal illi hadu erba' jew hames televisions. Xehed illi bieghhuhom lil wiehed mill-Marsa.

**Salvu Micallef**, minn naha tieghu xehed illi Reggie Bugeja u Spiridione D'Amato, kienu avvicinawh biex jixtri minghandhom televisions. Qal illi spicca rritornahom lill-pulizija. Xehed illi ta' dawn ta' kollox, hallashom erbghin lira Maltin (Lm40.00). Qal illi D'Amato kien nofsu drogat, mentri Bugeja beda jghagglu ghax ried il-flus malajr.

**L-Ispettur Denise Miruzzi**, minn naha taghha kkonfermat l-identita' ta' Charles Sciberras fis-sentenza ezebita a folio 103.

**L-Ex Spettur Patrick Spiteri**, muri s-sentenza a folio 233 gharaf lil Charles Sciberras bhala l-imputat hemm involut.

Minn naha tieghu, is-**Supritendent Ciappara** muri s-sentenza Dok XX2 a folio 91, Dok XX5 a folio 99, u Dok JCS a folio 339, gharaf lil Charles Sciberras l-imputat bhala l-persuna hemm indikata.

Anke s-**Supritendent Neil Harrison** ikkonferma l-identita' tas-sentenza ezebita fil-konfront ta' Charles Sciberras a folio 88.

Xehdu ghall-pluralita' **Marietta Lanzon** u **Maryanne Zammit**. Gew ezebiti d-dokumenti Dok ML fil-konfront ta' Reginald Bugeja, u Dok MZ fil-konfront ta' Charles Sciberras.

Id-Difiza li ppatrocinat mhux tul dawn il-proceduri, anke wara li nghalqu l-provi, mhux talli l-kawza ma gitx trattata, imma talbu issa li jisimghu lill-Psikjatra Dr Joseph Spiteri.

Issa, kemm **Marietta Lanzon** kif ukoll **Maryanne Zammit**, xehdu dwar il-problemi ta' abbuz ta' droga, instabbilta' mentali, trobbija turbulenti, u problemi ohra li jinfliggu fuq iz-zewg imputati. Harsa lejn il-fedina penali ferm kopjuza taghhom, hija mera cara tal-hajja turbolenti li dawn trabbew u ghexu fiha.

Kif gia' qalet il-Qorti, intalab hafna tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, anke li jixhed **Dr Joseph Spiteri**, li qal illi fi zmien li Reginald Bugeja kien taht il-kura tieghu fil-Forensic Unit, dan kien igib ruhu sew u kien drug free.

Fir-rigward ta’ Charles Sciberras, qal illi dan ukoll kellu problema relatata mad-droga, li qatt ma rcieva trattament fit-tul.

Illi semghet anke t-trattazzjonjiet imressqa u kkonsidrat:

Kif jirrizulta giet ezebita biss l-istqarrija ta’ Reginald Bugeja. Ebda wahda ma ttiehdet lil Charles Sciberras. Issa certament, din l-istqarrija ttiehdet ferm u snin qabel ma biss inholmot l-emenda tal-konsultazzjoni legali, illum sanata fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Zviluppi li saru fil-gurisprudenza taghna, illum jiddeterminaw ammissibilita’ tal-istqarrija rilaxxata minn Reginald Bugeja minghajr l-assistenza ndikata.

Illum jidher illi huwa ben stabbilit u din hija l-linja li qieghda tadotta din il-Qorti kif preseduta, illi fil-hin tar-rilaxx tal-istqarrija li ghandha tittiehed minghajr theddid, biza’ u promessi u moghtija d-debita twissija, l-imputat ma jridx ikun taht vulnerabbilta’ li jista’ jaqa’ taht l-influwenza hawn imsemmija. Il-vulnerabbilta’ ta’ persuna hija certament deteriminata mill-eta’ tieghu u anke mill-esposizzjoni precedenti tieghu ghal investigazzjonijiet kriminali (fost elementi ohra). Fir-rigward ta’ dan, il-Qorti tara li Reginald Bugeja kellu l-eta’ ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena meta gie nvestigat ghall-akkuzi in ezami. Harsa lejn il-fedina penali tieghu, sal-eta’ indikata, turi li hu kien gia’ ccappas mal-gustizzja, b’reati ta’ pussess ta’ droga u serq. F’ghajn din il-Qorti, ftit li xejn seta’ Reginald Bugeja jigi kkonsidrat bniedem vulnerabbli li tista’ tigi b’hekk imxejjen il-kontenut tal-istqarrija minnu rilaxxata.

Fis-sentenza moghtija ricenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mill-Imhallef Dr Michael Mallia, fl-ismijiet “*Il-Pulizija (Spt Kevin Farrugia) vs Robert Busuttil; omissis; omissis*” deciza nhar l-20 ta’ Frar, 2014 fejn irriteniet hekk:

“

*Jibda biex jinghad illi l-kawza Kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F’pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, “Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.” F’paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, “... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista’ jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...”. Din is-sentenza giet ikkwotata b’success fil-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, “Ebda Qorti f’ebda*

*hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).*

*Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran: "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."*

*Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*"

Illi a bazi ta' dan premess, il-Qorti tqis l-istqarrija ta' Reginald Bugeja bhala wahda ammissibbli (cioe' l-kontenut taghha). Minn harsa lejha wiehed isib li hu spjega li kien imur id-Detox ghall-mistura u hemm jiltaqa' ma' wiehed qisu Gharbi, li hargu jaghmlu bicca tax-xoghol biex jaghmlu lira. Hawn semma li avvicina lill-ko-imputat u jghid li bil-karozza tieghu marru vicin lukanda li kienet vojta. Jghid illi minn hemm hadu magna tal-capuccino u affarijiet relatati. Zied illi kemm il-ko-imputat li biegh din il-magna.

Ikkonferma li l-ghada ghamel serqa ohra flimkien issa ma' persuna ohra u rega' mar fl-istess post. Jghid illi issa bieghu r-res furtiva lil ragel gewwa hanut gol-Marsa, semma wiehed Spiru.

Ammetta wkoll illi seraq anke minn Had Dingli minn go karozza tat-tip Fiesta, li minn go fiha ha stereo.

Anke hawn jghid illi hu wera lill-pulizija fejn biegh ir-res furtiva u anke fejn heba l-stereo.

Tibda l-Qorti biex taghmel referenza ghal dak illi jghid l-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe':

"

*658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*"

Illi ghalhekk, kjarament dak illi stqarr Reginald Bugeja fil-konfront ta' Charles Sciberras ma ghandu ebda valur probatorju!

Is-sentenza hawn fuq imsemmija, fil-konfront ta' Robert Busuttil, tistabilixxi li jinhtiegu provi korraboratorji ma' dak gia' mistqarr fl-istqarrija. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak illi qalu kemm D'Amato kif ukoll Micallef fil-konfront tal-partecipazzjoni taghhom. Anke jekk il-Qorti tista' thares lejn ix-xhieda ta' D'Amato b'certa kawtela ghax kien involut fl-istess serq, pero Salvu Micallef seta' biss jirrispodni ta' ricettazzjoni – reat mhux lilu addebitat. Kien car Micallef meta ndika lil Bugeja (u lil D'Amato), bhala l-persuni li bieghulu r-res furtiva.

Pero fil-konfront ta' Charles Sciberras, ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Dan gie biss identifikat mill-ko-imputat Bugeja – gie stabbilit dan li din mhux prova ammissibbli. Issemma wkoll minn zewg ufficjali tal-pulizija li rawh isuq Skoda huma u sejrin go l-scrap yard. Ghandha ragun id-Difiza tissottometti li ebda prova ma ngabet fir-rigward ta'sewqan bla licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew koperta b'assigurazzjoni.

Id-Difiza ta' Charles Sciberras ghamlet ukoll referenza ghall-Artikolu 476(2) kif introdott bl-Att III tas-sena 2002 li jaqra llum. Emmenda din li certament dahlet in vigore zmien sew wara l-akkuza in dezamina. Mela din l-emmenda llum tippermetti li akkuza li ma setghetx tingab qabel is-sena 2002, bhar-reat ta' ricettazzjoni, issa tista' tigi kkonsidrata. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi in vista' tal-principju tan-non-retroattivita', illi tali emmenda ghalhekk m'ghandhix tigi applikata fil-konfront ta' Charles Sciberras, u cioe' li l-Qorti tfittex f'dan il-kaz jekk jirrizultax minflok is-serq, ir-reat ta' ricettazzjoni. Hawn il-Qorti ser taghmel refernza ghal dak illi gie spjegat fl-

Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs George Faenza et*" deciza nhar is-7 ta' Jannar, 2005:

"

*Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, iżda wkoll il-principju nullum crimen, nulla poena sine lege li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta1 kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea2. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom Human Rights and Criminal Justice 3:*

*"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable." 4*

[1] *39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

[2] *7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.*

[3] *Sweet & Maxwell (London), 2001.*

[4] *P. 282, para. 10-05.*

*"Huwa ċar, għalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss għad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll għal dak proċedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkażjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li ġiet dejjem segwita hi li, bħala regola, id-dritt proċedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proċeduri li jkunu diga` ġew istitwiti qabel il-bidu fis-seħħ tal-"proċedura" ġdida – ara, fost oħrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet The Republic of Malta v. Ravi Ramani u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri. Jingħad "bħala regola" ghax ma huwiex eskluż li jista' jkun hemm materji, apparentement proċedurali, iżda li tant direttament jinċidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-omissjoni, li għalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-prinċipju tan-non-retroattivita`."*

Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi billi tillibera ghal kollox lil Charles Sciberras minn kull akkuza migjuba kontra tieghu.

Issib minn naha l-ohra htija fil-konfront ta' Reginald Bugeja ghall-akkuzi ta' serq minn Wigna Court Hotel, u ta' stereo minn vettura minn Had Dingli cioe' tal-ewwel erba' akkuzi, u dan wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-akkuza li Reginald Bugeja kkommetta reat fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza, prezumibbilment hawn qed issir referenza ghal Dok JC1 ezebita a folio 326. Rat ukoll illi fl-istess sentenza, m'hemm ebda forma ta' identita' tal-imputat, u lanqas ma ngabet tali prova. Rat ukoll is-sentenza l-ohra ezebita fil-konfront ta' Reginald Bugeja huma ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, jew emmenda – allura mhix applikabbli r-recediva.

Konsegwentement, qieghed jigi liberat minn dawn iz-zewg addebitati taht l-Artikolu 28A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 18, 17, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Qieset il-fedina penali mmens allarmanti tal-imputat, u qieghda ghalhekk tikkundanna lil Reginald Bugeja ghal piena karcerarja ta' zmien tmintax(18)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------